








# L-ONORIFIĊENZA TAL-BAŻILIKA U T-TRIBUNA BAŻILIKALI

*Mario Caruana*

**Meta wieħed jidħol fil-Knisja Bażilika tal-Isla, mill-ewwel tiġi quddiem għajnejh it-tribuna bażilikali wieqfa imponenti fil-parti l-aktar ċentrali tal-knisja. Wieħed għalhekk jasal biex jistaqsi: x'sinifikat għandha t-tribuna? X'rabta hemm bejn it-titlu u l-onorifiċenza ta' bażilika u t-tribuna? U għaliex fl-Isla?**

## IL-BIDU

Wara li f'Mejju 1920, mill-Vatikan ħareġ id-digriet tal-inkurunazzjoni tal-Bambina, fl-Isla nibtet l-idea u li malajr saret xewqa, biex bħala tifkira dejjiema ta' dik l-inkurunazzjoni, issir talba lill-Vatikan biex il-Knisja Kolleġġjata tal-Isla tingħata t-titlu u d-dinjità ta' bażilika minuri.

Promuturi ewlenin ta' din l-idea kienu s-saċerdot Dun Goffred Lubrano (aktar tard Kanonku Primiċerju tal-Kapitlu) u l-Benedittin Dom Mauro Inguanez OSB, bil-kunsens tal-Arċipriet tal-Isla, il-Kan. Dun Ġużepp Adami.

B'dan il-għan, f'Settembru 1920, il-Kapitlu Senglean ressaq rikors lill-Mons. Arċisqof Dom Mauro Caruana OSB li, min naħa tiegħu, ikkomunika mal-Vatikan. Wara li ġew iċċarati xi punti dwar ir-rikors, nhar it-3 ta' Jannar 1921, mill-Vatikan ħarġu l-Ittri Appostiliċi bil-brevi *Ad Perennandam Memoriam*, li bihom il-Knisja Kolleġġjata tal-Isla, taħt it-titlu tat-Twelid ta' Marija Bambina, ingħatat id-dinjità ta' Bażilika Minuri.

B'hekk, f'temp ta' ftit xhur, is-Santa Sede, bl-awtorità tal-Papa Benedittu XV, tat lill-knisja tal-Isla, żewġ onorifiċenzi singulari: dik tal-inkurunazzjoni solenni tal-istatwa ta' Marija Bambina, diġà fiċ-ċirkustanzi unika għal Malta, u t-titlu ta' Bażilika, l-ewwel knisja f'Malta taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kleru Djoċesan, li ngħatat din id-dinjità.

Dan it-titlu impona fuq il-Kapitlu Senglean obbligi kolleġġjali u pastorali oħra għal aktar ħidma sfiqa mal-komunità, u għal solennità akbar u aktar dekoruża u dinjituża fil-funzjonijiet liturġiċi. Fl-istess ħin, bħal kull bażilika oħra, il-knisja tal-Isla bdiet tgawdi minn privileġġi ġodda, fosthom l-użu ta' insinja speċjali li jiddistingwuha minn knejjes oħra. Dawn jinkludu l-użu tal-umbrellun u t-tintinnablu waqt il-purċissjonijiet, kif ukoll li l-artal maġġur ikun wieħed papali, imqiegħed taħt tribuna bażilikali.

L-artal papali jissejjaħ hekk għaliex għandu l-għamla bħal tal-artali ewlenin tal-Bażiliki ta' Ruma fejn il-Papa għandu l-Katedra tiegħu, jiġifieri San Ġwann Lateran u San Pietru fil-Vatikan. L-għamla Orjentali tiegħu, f'forma ta' artal mejda, kienet tippermetti li, bi privileġġ, waqt il-quddiesa, iċ-ċelebrant iqaddes wiċċu lejn il-kongregazzjoni. Dan kien jidher aktar ċar qabel ir-riforma liturġika li ħarġet mill-Konċilju Vatikan II, b'liema riforma l-artal maġġur ta' kull knisja, kellu jingħata din l-għamla. Dan l-artal papali, ikollu fuqu tribuna, kelma li jista' jkollha aktar minn tifsira waħda, imma fis-sens speċifiku ta' knisja bażilika, hija l-baldakkin jew ċelu, imwaqqaf fuq erba' kolonni, li taħtu jkun hemm l-artal papali.

## WARA T-TITLU – L-EWWEL TRIBUNA

Malli nhar l-Erbgħa, 19 ta' Jannar 1921, waslet fl-Isla l-aħbar illi l-Knisja Kolleġġjata ngħatat it-titlu ta' Bażilika, l-Arċipriet Adami laqqa' minnufih lill-Kapitlu u infurmah b'dan. Il-Ħadd ta' wara, 23 ta' Jannar, id-dokument pontifiċju tal-erezzjoni tal-bażilika, inqara uffiċjalment u pubblikament fil-knisja minn Mons. Manwel Vassallo, Segretarju Djoċesan.

Għal din l-aħbar, il-poplu Senglean, ġa mimli ħeġġa għall-inkurunazzjoni tal-Bambina, kompla entużjażma ruħu, u ried li, minkejja kollox, tinbena tribuna għall-festi li kienu ġejjin. Veru li ż-żmien kien qasir – mhux aktar minn seba' xhur – imma dak iż-żmien, għan-nies tal-Isla, xejn ma kien impossibbli.



Il-Perit Andrea Vassallo (1856-1928).

Biex iħejji d-disinji u l-pjanti meħtieġa, ġie inkarigat l-artkitett Andrea Vassallo, prominenti dak iż-żmien għax, fost l-oħrajn, kien għadu kif kien responsabbli mill-pjanti u l-bini tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, f'Għawdex. F'inqas minn xahar, huwa lesta d-disinji u l-pjanti għal din it-tribuna.

Biċċa xogħol ta' din l-entità, kienet tinvolvi spiża mhux żgħira, u wieħed irid ukoll iżomm quddiem għajnejh illi f'dak iż-żmien kienu qed isiru l-preparamenti għall-festi kbar tal-inkurunazzjoni, u l-poplu Senglean kien ġa qed jikkontribwixxi b'mod qawwi. Għalhekk, beda jsir ġbir ieħor separat, ħalli jinfdew l-ispejjeż tat-tribuna. Ġew inkarigati żewġ saċerdoti, il-Kan. Dekan Dun Salv Mousù u Dun Goffred Lubrano, it-tnejn membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-festi tal-inkurunazzjoni, biex jiġbru l-fondi. Dawn qiegħdu d-disinn tat-tribuna




fi gwarniċ u, kull nhar ta' Ħadd, kienu jduru madwar l-Isla jiġbru għotjiet b'dan il-għan.

Ix-xogħol tat-Tribuna beda jsir, fil-biċċa l-kbira tiegħu, minn Sengleani tas-sengħa, u tista' tgħid li kollu kien jinħadem fil-kunvent u l-kannierja ta' San Filippu. L-iskultura saret minn Antonio Agius, skultur rinomat f'dik l-epoka. Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 1921, l-għada tal-festa ta' Korpus, inbeda x-xogħol attwali fil-knisja, billi nħatt l-artal maġġur tal-Kolleġġjata biex jitqiegħdu l-pedamenti. (Hawn ta' min jgħid li l-artal maġġur l-antik, xogħol fin fl-irħam tal-bottega Durante, familja ta' marmisti Sengleani, li kien sar fl-1804, eventwalment inbiegħ lill-parroċċa tal-Madonna tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar.)



*It-tqegħid tal-ewwel ġebla tat-tribuna nhar is-Sibt, 12 ta' Ġunju 1921.*

Jingħad li meta bdew iħaffru għall-pedamenti, damu ħafna ma sabu l-blat, u fl-aħħar kellhom jordmu kollox bil-konkos ħalli jibnu fuqu. L-ewwel ġebla tat-tribuna, ġiet imbierka u mqiegħda mill-Arċipriet Adami nhar is-Sibt, 12 ta' Ġunju 1921. Ix-xogħol tal-bini ġie fdat f'idejn mastru Ġużeppi minn Birkirkara.

Fil-parti t'isfel tat-tribuna, l-artal u l-kolonni kienu tal-ġebel, filwaqt li l-parti ta' fuq kienet maħduma fl-injam. Dan ix-xogħol baqa' sejjer sa qrib tmiem Awwissu, ftit jiem biss qabel il-bidu tan-novena tal-festa. Meta wieħed jiftakar li f'dak iż-żmien kien diġà qed isir ħafna xogħol għax kienet qed tinżebagħ u tiġi indurata l-parti l-kbira tal-knisja, u li ma kienx jeżisti l-apparat u l-makkinarju li jeżisti llum, wieħed jirrealizza kemm verament saret ħidma qawwija biex, fi żmien daqstant qasir, saret din l-opra kolossali.

L-erba' kolonni tat-tribuna, fuq stil Korint, u bit-terz ta' isfel skolpit skont kif jitlob l-istil tagħhom, kienu merfugħin fuq zukklaturi għoljin, u dawn stess kellhom mottiv skolpit fil-panewijiet tagħhom. Dawn il-kolonni kienu jerfgħu arkitrav u gwarniċun, kif ukoll il-bażi kwadra għall-kuruna li kienet isservi bħala final. Bejn il-frontuni fuq din il-gwarniċa, kien hemm l-istemmi tal-Papa Benedittu XV, tal-Arċisqof Caruana, tal-Kolleġġjata u tal-Belt Senglea.

Fuq dawn l-istess frontuni, kienu jistrieħu erba' anġli kbar iżommu simboli tal-Madonna. Mad-dawra tal-bażi tal-kuruna, kien hemm l-iskrizzjoni: MARIA / NON DUCES / VICTORES / NOS FECIT, li bil-Malti tfisser: Marija, mhux il-mexxejja, ħarġitna rebbieħa. Din tagħmel riferenza ċara għar-rebħa tal-Assedju l-Kbir tal-1565, u tispjega wkoll ir-rabta tal-knisja tal-Isla u t-titular tagħha ma' din ir-rebħa.

Naturalment, kif titlob l-arti tad-dekorazzjoni, ħafna mill-arkitettura u l-iskultura, inkluż l-erba' anġli, kienu indurati bid-deheb.



*L-ewwel tribuna waqt il-bini tagħha lejn tmiem Lulju 1921.*

Ġranet biss wara li kien tlesta dan ix-xogħol kollu, taħt u madwar din it-tribuna, saru ħafna funzjonijiet b'rabta mal-festi singulari tal-inkurunazzjoni tal-Bambina u tal-festa titulari nhar it-8 ta' Settembru.

Imma x-xogħol ma ntemmx hawn. Kif ingħad aktar qabel, il-parti ta' isfel tat-tribuna, inkluż l-artal, kienu tal-ġebel. Iżda mill-ewwel kien hemm il-ħsieb li, kif iż-żmien ikun jippermetti, l-artal kellu jsir tal-irħam, fuq disinn tal-istess Perit Vassallo. U ż-żmien opportun ma tantx dam ma wasal għaliex, f'inqas minn tliet snin, ġa kien ordnat wieħed għand id-Ditta Bonetti ta' Pietrasanta, fl-Italja. Din il-fabbrika, rinomata għal dan it-tip ta' xogħol ta' kwalità, diġà kellha rabtiet mal-knisja tal-Isla. Fil-fatt, xi snin qabel, kienet ħadmet ħafna xogħol tal-irħam għall-Isla, inkluż is-sett ta' sittax-il *tondo* ta' appostli u evanġelisti, opra meraviljuża li jżejjen il-kontropilastri tal-korsija.

L-artal ġdid tal-irħam, kien ikkonsagrat nhar il-Ħadd, 25 ta' Ottubru 1925, minn Mons. Isqof Angelo Portelli OP li kien wieħed mill-assistenti tal-Arċisqof Caruana fl-inkurunazzjoni tal-Bambina.




*It-tribuna fis-snin ta' qabel il-gwerra. Jidhru wkoll il-pulptu u l-kanċell tal-irħam li saru snin wara t-tribuna.*

Bħall-parti l-kbira tal-bażilika, din it-tribuna, diżgrazzjatament intilfet għalkollox fit-tiġrif tat-Tieni Gwerra. Sakemm baqgħet intatta l-koppla u l-erba' pilastri li jerfgħu, it-tribuna baqgħet sħiħa. Iżda meta nhar il-Ħamis, 9 ta' April 1942, waqt ħbit qawwi fuq it-tarzna, waqgħet il-koppla u tnejn mill-pilastri maġġuri li kienu jerfgħuha, it-tribuna ntradmet taħt it-tiġrif u ntilfet darba għal dejjem.








*It-tribuna għadha wieqfa minkejja l-attakki ħorox li sofriet il-knisja partikolarment dawk ta' Jannar 1941.*

## WARA L-GWERRA – IT-TIENI TRIBUNA

Kif kien ovvju u meħtieġ, appena ntemmet il-gwerra, il-kapitlu ħaseb l-ewwel nett biex minnufih tibda r-rikostruzzjoni mill-ġdid tal-bażilika li kellha ħsarat estensivi. Il-problemi kienu ħafna, u d-diffikultajiet ma naqsux. Imma bil-perseveranza u b'ħafna xogħol iebes – xogħol mhux biss manwali, imma wkoll ta' taħbil il-moħħ u ppjanar serju – sal-1957, il-knisja kienet tista' terġa' tiġi kkonsagrata mill-ġdid u miftuħa għall-kult. Fil-fatt, nhar is-Sibt, 24 ta' Awwissu 1957, il-Bażilika ġiet ikkonsagrata minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, u l-għada, il-Ħadd, 25 ta' Awwissu, sar it-trasport solenni tal-istatwa ta' Marija Bambina mill-knisja tal-Portu Salvu, u l-ftuħ uffiċjali tal-knisja.

Naturalment, waqt li kien qed isir ix-xogħol tar-rikostruzzjoni, ma setax ma jidħolx mill-ġdid il-ħsieb tal-bini tat-tribuna bażilikali. Biex jagħmel id-disinn u l-pjanti, ġie inkarigat il-Kav. Vincenzo Bonello. Dan ukoll ippropona disinn fuq stil klassiku rinaxximentali b'xebh ma' dak tat-tribuna oriġinali ta' Vassallo, imma fl-istess ħin, b'xi modifikazzjonijiet.



*Il-Kav. Vincenzo Bonello (1891-1969).*

L-istess bħalma kien il-każ fl-1921, inħasset il-ħtieġa li jsir ġbir ta' fondi biex jiġu koperti l-ispejjeż enormi għal din l-opra. Żewġ inizjattivi proposti u attwati mill-kumitat imwaqqaf ħalli jiġbor dawn il-fondi, u li kellhom suċċess, kienu wirja ta' artiġjanat maħdum minn Sengleani, u skema ta' offerti u ġbir permezz ta' ċedoli u ċertifikati. Il-wirja saret f'Awwissu 1955 fl-iskola primarja, u għadd ġmielu ta' Sengleani esebixxew xogħol maħdum minnhom, b'varjetà kbira ta' artiġjanat u diversità ta' ideat u aspetti artistiċi. Mill-banda l-oħra, l-iskema ta' ġbir marbut ma' formoli u ċertifikati, inżammet miftuħa għal tul ta' żmien u kellha rispons qawwi. Kien propost li ċ-ċertifikati bl-ismijiet tal-kontributuri, kellhom jitpoġġew fl-artal tat-tribuna.



*Erbgħa mill-faċċatiet taz-zukklaturi tal-kolonni esebiti f'April 1957. Jidhru (mix-xellug): San Mark, San Xmun Stock, San Lwiġi Marija De Montfort u San Ċirillu.*

Din id-darba, il-parti t'isfel tat-tribuna, jiġifieri l-artal u l-kolonni saru tal-irħam bl-ornamenti tal-bronż indurati bid-deheb, filwaqt li l-parti ta' fuq inħadmet mill-injam. L-artal bażilikali u z-zukklaturi, ordnati għand id-Ditta Battelli ta' Pietrasanta fl-Italja, waslu lejn nofs Marzu 1957. Meta x-xogħol inħareġ mill-kaxxi, xi partijiet minnu tpoġġew fil-knisja ħalli jiġu ammirati mill-parruċċani. Kien



*L-artal bażilikali, maħdum minn blokka waħda ta' rħam wara li tqiegħed f'postu f'Mejju 1957.*

żmien meta l-knisja, għall-aktar kumdità tal-poplu, kienet tinfetaħ temporanjament għall-quddies fil-Ħdud u l-festi. B'mod partikulari, kienu ġew apprezzati l-artal, maħdum minn blokka waħda ta' rħam, u l-faċċatiet taz-zukklaturi tal-kolonni.

Hawn ta' min jinnota li fid-disinn li għamel il-Kav. Bonello, iddaħħlet idea innovattiva billi fil-panewijiet taz-zukklaturi, minflok dekorazzjonijiet skolpiti, jew xi stemmi, saru figuri b'altoriliev ta' sittax-il qaddis li kellhom xi rabta mad-devozzjoni partikulari lejn il-Madonna. Dawn huma mqassmin hekk: l-erba' Evanġelisti San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann fuq waħda; fuq oħra erba' Missirijiet tal-Knisja San Efrem, San Ċirillu, San Ambroġ u San Bernard; il-qaddisin fundaturi San Duminku, San Xmun Stock, San Lwiġi Marija de Montfort u San Ġwann Bosco fuq it-tielet waħda, u l-Papiet San Liberju, San Piju V, il-Beatu Piju IX u Papa Piju XII fir-raba' waħda. (Xi tagħrif dwar il-ħidma ta' dawn il-qaddisin, deher fil-programmi tal-festa tas-snin 2014, 2015, 2016 u 2017.)

Ix-xogħol tat-tqegħid tal-irħam taz-zukklaturi u l-artal, inbeda f'nofs April, eżatt wara l-festa tal-Għid il-Kbir, u baqa' sejjer sa tmiem Mejju. Imbagħad, nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, saret iċ-ċerimonja




simbolika li fiha, iċ-ċertifikati bl-ismijiet tad-donaturi li kkontribwew b'risq it-tribuna, tqiegħdu f'kaxxa dekorata fl-artal. Wara, il-Kan. Arċipriet Gian Karl Burlò, qaddes l-ewwel quddiesa fuq l-artal tat-tribuna. Aktar tard, dan l-artal papali ġie kkonsagrat solennement nhar is-Sibt, 24 ta' Awwissu, minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, bħala parti mir-ritwal tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja.



*L-artal u z-zukklaturi, f'Awwissu 1957, ftit jiem qabel il-Konsagrazzjoni u l-inawgurazzjoni tal-knisja.*



*17 ta' Awwissu 1959: it-tqegħid tat-tieni kolonna u kapitell. Jidhru Ġużeppi Sammut fuq l-armar, Karmenu Meilaq fuq is-sellum u l-Arċipriet Burlò josserva l-proċess.*

Tajjeb hawn jingħad, li dan ix-xogħol delikat sar kollu minn dilettanti Sengleani taħt it-tmexxija għaqlija ta' Karmenu Meilaq. Dawn l-istess voluntiera, b'sagrifiċċju kbir għalihom, qabel kienu wkoll diġà qiegħdu l-għaxar artali tal-irħam, ukoll disinjati mill-Kav. Bonello, li hemm fil-kappelluni u n-navati tal-knisja.

Wara sentejn, fis-sajf tas-sena 1959, tkompliet parti oħra minn din l-opra, billi tpoġġew l-erba' kolonni ta' rħam aħmar, imżejnin b'terz ornamentali tal-bronż u kapitelli tal-bronż ukoll. Għal dan ix-xogħol delikat, li kien jirrikjedi ppjanar u armar partikulari minħabba li riedu jitwaqqfu l-kolonni, intalbet l-għajnuna tal-imgħallem Ġużeppi Sammut, persuna magħrufa u maħbuba fl-Isla, peress li kien il-persuna responsabbli mill-bini tal-bażilika wara l-gwerra. Dan ix-xogħol kien sar bejn nofs Lulju u l-21 ta' Awwissu, meta tpoġġa f'postu l-aħħar kapitell.

Kellhom imbagħad jgħaddu ħames snin oħra qabel ma x-xogħol tkompla u ġie mitmum. Il-parti finali ta' fuq tat-tribuna, iċ-ċelu jew baldakkin, huwa maħdum mill-injam tal-qastan. Din intramat f'postha fil-bidu tas-sena 1964. Għad illi l-linja tagħha, b'mod ġenerali, hija simili ħafna għal dik ta' qabel il-gwerra, l-akbar differenza hija t-tneħħija tal-bażi kwadra fuq il-frontuni, li qabel kienet terfa' l-kuruna finali. Din issa hi merfugħa fuq erba' pilastri





*It-tribuna kif kienet tidher mingħajr iċ-ċelu f'ritratt meħud fl-4 ta' Settembru 1959.*

li jitilgħu minn wara dahar l-erba' anġli li hemm mistrieħa fuq il-frontuni. Dawn l-anġli jżommu f'idejhom simboli tal-Madonna: kuruna regali, xettru, ġilju u kuruna tal-ward.

Bħalma kien fit-tribuna l-antika, fil-vojt bejn il-frontuni, hemm l-istess erba' stemmi, dawk tal-Papa Benedittu XV, tal-Arċisqof Caruana, tal-Kolleġġjata u tal-Belt Senglea. L-iskrizzjoni li qabel kienet imnaqqxa fil-bażi tal-kuruna, issa inkitbet fuq l-erba' faċċati tal-friż tal-gwarniċun li jdur fuq l-erba' kolonni. Fis-saqaf taċ-ċelu, hemm minquxa xbieha tal-Ispirtu s-Santu.









Dan iċ-ċelu hu opra ta' Ferdinando Stufflesser ta' Ortisei fl-Italja ta' Fuq. Ta' min jgħid li, l-erba' anġli, ġew immudellati mill-iskultur Malti l-Prof. Vincenzo Apap. L-istess bħalma kien il-każ fit-tribuna l-oriġinali, anke issa, il-gwarniċun u l-iskultura huma wkoll indurati bid-deheb.

*It-tribuna bażilikali kif tidher illum.*

L-inawgurazzjoni ta' din l-opra kolossali saret nhar il-Ħadd, 22 ta' Marzu 1964, mill-Isqof Senglean Mons. Emmanuel Galea.



## ARMAR U TIŻJIN TAL-ARTAL

L-artal papali, min-natura tal-binja stess, kien jirrikjedi armar kompletament differenti minn dak ta' qabel l-1921. Issa, is-salib u l-gandlieri bdew jitqiegħdu direttament fuq il-mensa, u allura ma kienx hemm lok għal statwetti jew fjuretti. Għall-bidu, fil-jiem tal-festa, kienu jintramaw il-gandlieri jew tas-Sacro Cuor jew tal-artal tal-Madonna tal-Katina. Imma mbagħad, meta sar l-artal tal-irħam, li kien ftit iżgħar fid-daqs minn dak tal-ġebel, inxtara sett ta' gandlieri u salib tal-metall abjad apposta għal dan l-artal.

Fis-sena li sar l-artal tal-irħam, inħietet terħa għal fuq il-mensa, li mad-dawra tagħha, minflok is-solita bizzilla, kellha patalotti tas-satin abjad, b'disinn irrakkmat bid-deheb. Sa ma sar l-artal tal-irħam, fuq quddiem tal-artal, kien baqa' jintrama l-ventartal tal-fidda li kien tal-artal tal-kolleġġjata. Meta dan ma tqegħidx aktar, inxtara mill-Fratellanza tal-Kurċifiss għall-artal tal-istess fratellanza fl-Oratorju.

Mal-arkitrav li jdur fuq il-kolonni, kienu jiddendlu patalotti skont il-kuluri liturġiċi, filwaqt li fil-jiem tal-festa, il-patalotti kienu ta' drapp fin tal-lama tad-deheb.

Imbagħad, wara l-1957, sar xi armar ieħor biex dan l-artal kompla ġie arrikkit. Fl-1962, sar sett ta' gandlieri u salib tal-fidda, imħallsa minn benefatturi diversi. Dawn inħadmu mid-Ditta F. Cassar & Sons ta' Bormla, u kienu mmudellati fuq il-gandlieri tal-fidda tal-artal ta' Ġesù Redentur. Fl-1974, inħass il-bżonn li jibidel is-satin tat-terħa peress li kien irrama. Għalhekk, ir-rakkmu ġie trasferit għal fuq patalotti ġodda tal-bellus ikħal. Tiżjin ieħor sar fl-1992, meta id-Ditta Grixti Embroideries ħadmet sett patalotti tal-lama tal-fidda b'disinji rrakkmati bil-ħajt tad-deheb, fuq disinn ta' Salvu Bugeja.

Naturalment, minbarra dan kollu, maż-żmien saru bosta affarijiet oħra, li għad illi forsi ma kellhomx l-istess valur, imma kienu daqstant bżonjużi biex din il-parti l-aktar ċentrali u importanti għall-kult u l-liturġija tinżamm bl-aktar mod xieraq u dinjituż.

## GĦELUQ

Xieraq li bħala għeluq, nisiltu xi ħsibijiet li Mons. Emmanuel Galea, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali, kien għamel fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tat-tribuna fl-1964. Fil-qosor, hu esprima ruħu b'dan il-mod:

- Hu xieraq li nżejnu t-tempju ta' Alla għax minħabba li aħna ma narawx lil Alla, għandna bżonn ta' ħwejjeġ materjali biex jgħinuna biex ngħożżu l-fidi tagħna. Alla tana l-ġid u minn dan il-ġid jixraq li aħna nagħtuh l-aħjar biex inżejnu d-dar tiegħu.
- Minbarra l-obbligu li għandna biex nagħtu minn dak li għandna lil Alla, ma għandniex ninsew li Alla qalilna li għandna naħsbu wkoll fil-proxxmu tagħna.
- Għandna niftakru li minbarra t-tempju materjali li Alla jrid li aħna nżejnu, għandna wkoll it-tempju tar-ruħ tagħna li fuq kollox għandha tkun imżejna bil-grazzja ta' Alla.

Jalla dawn is-sentimenti nħossuhom fina kull darba li ningabru f'dan it-tempju ta' Alla ddedikat lit-Twelid tal-Verġni Mbierka, u nammiraw u napprezzaw is-sbuħija ta' din it-tribuna.

***Referenzi:***

Bonnici, Alexander, *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina*, vol. III, 1991.

Il-ġurnal *Leħen is-Sewwa*.

Il-ġurnal Senglean *Invicta*.

Ħarġiet diversi ta' *Bullettin tal-Parroċċa tal-Isla*.

Arkivju tal-Parroċċa tal-Isla, partikolarment l-arkivju marbut mal-Kolleġġjata.

Memorji personali, l-aktar ta' żmien il-bini tat-tieni tribuna.